**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 447/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 154875M)**
**Vs**
**CB ( ID nru :333670M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis-16 ta' Marzu 1996, ara Dok A. u minn daz-zwieg huma kellhom tifel DB, imwieled fid- 9 ta' Novembru 1996.
2. Illi l-partijiet, ilhom legalment separati b' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Margaret Heywood mil- 15 ta' Frar 2000 ( Ara Dok B anness)
3. Illi skont l-istess kuntratt tas-seperazzjoni personali (Ara dok B , klawsola 16), l-ebda manteniment ma hu dovut fir-rispett tal-konjugi

stante li l-partijiet formalment iddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt taghhom ghall-manteniment minghand xulxin;

4. Illi l-wild llum maggorenni u ma ghadx ghandu dritt ghal-manteniment skont il-Ligi u lanqas hemm pendenzi ta' manteniment passat;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn 4 snin mifrudin (ara dok B), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-intimat skadielu z-zmien ghar-risposta tieghu, u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**